## KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 32

It-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2013

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fis-1.00pm.

Il-President, Dr. Malcolm Mifsud ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President Dr. Malcolm Mifsud, Sindku Tal-Pieta`, il-Vici President is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Michael Fenech Adami, Sindku Birkirkara, is-Sinj. Antoinette Vassallo, Sindku Ta' Xbiex u s-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema.

Is-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai, Vici Sindku Msida u s-Sur Horace Anastasi, Sindku Sta. Venera infurmaw li ma jistghux jattendu u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 31 li saret nhar l-Erbgha, 28 ta' Novembru, 2012, kienu approvati unanimament.

**RAPPORTI TA' L-LES**

L-Authorised Officer ipprezenta r-rapporti ta' l-LES ghax-xahar ta' Dicembru 2012 u li kopja taghhom giet imqassma lil kulhadd.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

**cctv fix-xatt tal-Gzira**
Il-President qal li kien tkellem mas-Sindku tal-Gzira u ma' l-AO dwar il-possibilta` li cctv li tinsab fix-Xatt tal-Gzira tehel man-naha l-ohra tat-triq minhabba li l-iskop ta' din il-camera huwa biex ma jsirux *u-turns*. Il-President qal li kemm is-Sindku kif ukoll l-AO qablu ma' dan u ghalhekk il-Kumitat qabel unanimament ukoll.

**Talba mill-Kunsill Lokali Valletta sabiex jissieheb mal-Kumitat tar-Regjun Centrali.**

Il-President qal li saret talba mill-Kunsill Lokali tal-belt Valletta sabiex dan jissieheb mar-Regjun Centrali.

Is-Sur Joe Camilleri qal li hu ma kienx jaqbel.

Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa ghalfejn kienet qed issir din it-talba. Il-President wiegeb li l-Belt kienu qed ihossuhom geografikament maqtughin fir-Regjun li jaghmlu parti minnu bhalissa.

Is-Sinj. Antoinette Vassallo qalet li ma tahsibx li dan hu l-mument opportun biex dan isir.

Il-President qal li kienet saret tali talba mill-Kunsill Lokali tal-Belt lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lill-Ministeru u dawn talbu l-*feedback* tar-Regjun Centrali.

Is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ghandu l-elezzjoni issa u jahseb r-Regjun ghandu jistenna sa wara l-elezzjoni sabiex jiehu pozizzjoni dwar din it-talba.

Is-Sur Joe Camilleri qal li meta saru talbiet simili mill-Kunsilli Lokali tas-Swieqi u Pembroke, dawn ma kenux gew accettati.

Il-President qal li r-Regjun mhux qed ikun qed jiddeciedi li l-Kunsill Lokali tal-Belt se jinghaqad mar-Regjun Centrali izda jekk fil-principju jikkunsidrax li dan isir.  Kieku d-Dipartiment ma talabx il-*feedback* mir-Regjun, kien jinghad li mhux qed issir konsultazzjoni mar-Regjun.

Wara li gie ccarat dan, il-Kumitat qabel li fil-principju ma kienx qed joggezzjona izda ghandu jkun hemm aktar diskussjonijiet.

## APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

Il-President, ssekondat mill-Vici President, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 32.  Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

## TMIEM

Fis-2.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Dr. Malcolm Mifsud
President